# Knejjes Rurali u Filjali fl-Għarb skont il-Manuskritt ta' Patri Pelaġju

**Professur Joseph Galea** MD(Melit) MD(Sheffield) MA(Melit) LRCP LRCS(Edin) LRCPS(Glas) FRCS(Edin) FRCS(CTh) FETCS (Cardiovascular & Thoracic Surgery)

Patri Pelaġju kiteb il-manuskritt tiegħu f'nofs is-seklu tmintax. Fih jagħti lista tal-knejjes u l-kappelli li kienu jinsabu fir-raħal tal-Għarb. Billi kien semma' l-Knisja Parrokkjali u l-Knisja taż-Żejt fid-dettall qabel, Pelaġju ma niżżilhomx fil-lista li ser nikteb fuqha (Figura 1)[1].

Ser inniżżel il-lista kif kitibha hu u mbagħad nġib in-notamenti li żied hu fil-manuskritt u dettalji oħra minn sorsi diversi[2-4].



*Figura 1. Il-lista ta' knejjes u kappelli filjali fl-Għarb f'Pelagio Mifsud ACM Misc MS 55 123r.*

**San Dimitri:**

*Kienet tinsab fil-lokal imsejjaħ il-Gudja. Dużina nnota li kellha benefiċċju sempliċi. Pelaġju jżid li darba waħda l-qaddis mar kontra t-Torok fuq* iż-żiemel sa Wied l-Ilsir (Wied Ħurrieqa).

Skont Dużina, il-benifiċċju kien jieħu ħsiebu Dun Ġużepp Bellia bi dħul ta' ħames unċi fuq l-art kollha. Dawn kienu jintużaw biex jitħallsu żewġ rollijiet xama' lit-Teżorier tal-Knisja ta' Malta. Sab ukoll li ma kelliex bieb u ornamenti u parti mill-ħitan kienet waqgħet u ordna li tissewwa l-ħsara u jitwaħħal bieb fi żmien xahrejn taħt piena ta' għoxrin skud lill-knisja parrokkjali. Dawn il-flus kellhom jiġu mwarrba sakemm l-obbligazzjonijiet t'hawn fuq jiġu sodisfatti. Din il-kappella kienet inbniet fil-ħmistax –il seklu mir-Reverendu Franġisku Depena[5].

De Soldanis kiteb li xi wħud kienu jgħidu li l-knisja inbniet b'wegħda minn waħda mara wara li qalgħet il-grazzja permezz ta' San Dimitri li ħelsilha lil binha mill-jasar tat-Torok. [6]

**Santa Maria ad Nives (Santa Marija tas-Silġ jew lill-Verġni Marija):**

*Kienet fl-istess lokal u qrib il-kappella ta' San Dimitri.* Din id-dedikazzjoni ma sibthiex f'sorsi oħra bħal de Soldanis u Dużina għalkemm De Soldanis jikteb li l-Viżitaturi Apostoliċi f'xi kappelli kienu jagħtu l-ordni biex il-festa ssir fil-5 t'Awwissu (il-festa tal-Madonna tas-Silġ).[7] Fil-lista tal-kappelli profanati, De Soldanis isemmi knisja waħda f'Għawdex iddedikata lil Santa Maria ad Nives li kienet tinsab ħdejn iz-zuntier ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex u li kienet ipprofanata fl-1630 u 1644.[8]

Id-dedikazzjoni lil Santa Maria ad Nives bdiet f'Ruma fl-1568 meta din daħlet fil-Missal Ruman u l-festa taħbat fil-5 t'Awwissu (Dedicatio Sanctae Mariae ad Nives jew Dedikazzjoni ta' Santa Marija tal-Borra). Aħna Malta billi ma narawx borra, l-antenati tagħna sejħulha tas-Silġ. Dan kien l-isem li kien ingħata lill-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma sa mis-seklu erbatax, frott ta' leġġenda li kienet popolari dak iż-żmien. Il-leġġenda tirrakkonta li meta Liberius kien Papa, in-nobbli Giovanni u martu li kienu bla eredi wegħdu li jagħtu ġidhom lill-Verġni Mqaddsa. Għalhekk huma talbu bil-ħerqa biex il-Madonna turihom kif għandhom jiddisponu minn ġidhom ad unur tagħha. Fil-lejl tal-5 t'Awwissu u fl-eqqel tas-sajf Ruman, waqgħet il-borra fuq il-

quċċata tal-Għolja Eskwelina. Fl-istess lejl dehritilhom il-Madonna u b'ubbidjenza lejha bnew il-knisja fil-post fejn waqgħet il-borra.[9] Wara li l-isem daħal fil-Missal Ruman ħafna knejjes fl-Italja u fid-dinja kollha bdew jiġu ddedikati lill-Madonna tas-Silġ. F'Malta u Għawdex fadal knisja waħda ddedikata lill-Madonna tas-Silġ u din tinsab f'Marsaxlokk.

**Santissimu Salvatur:**

*Kienet tinsab fil-lokal ta' Wied il-Mielaħ.*

Pelaġju jikkwota skorrettament lil Dużina u jsemmi li kienet imwaqqfa minn Francesco Palmieri u ħallielha xi beni. Fin-noti tal-Vista Pastorali ta' Dużina[10] hemm miktub li din il-kappella kellha bieb tal-injam iżda ma kellhiex rettur u minfloku kien jieħu ħsieb tlett itmien raba' li kellha l-knisja ċertu Pawlu Parnis. Dawn kienu mħolliha mill-mejjet Pietro Frontina sabiex f'jum il-festa tas-Salvatur issir quddiesa fil-kappella u fl-istess jum jitqassam il-ħobż magħmul minn tomna qamħ lill-fqar tal-inħawi. Kien hemm ukoll l-obbligazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja.

**San Katald:**

*Eżistiet fil-lokal ta' Wied il-Mielaħ*
*imsejħa wkoll 'Tax-Xgħajra'.*

De Soldanis jikteb li din kienet l-iktar knisja għanja fil-kampanja għax min bnieha ħallielha tlett itmien raba fix-Xgħajra.[11]

**San Ġiljan:**

*Kappella li kienet fil-lokal ta' Kalamja ta' Kħesrem.*

Wettinger isemmi tliet postijiet ta' raba' msejjaħ ta' San Ġiljan f' Għawdex; San Ġiljan tal-Għarb, ta' Mlit u ta' Għamburi.[12]

**Sant' Anton Abbati:**

*Kienet fil-lokal ta' San Dimitri jew Wied ir-Raħeb*

De Soldanis isostni li meta din il-kappella ġiet ipprofonata l-beni tagħha ikkontribwew ma' beni oħrajn biex jitwaqqaf l-għaxar kanonikat tal-Kolleġġjata Matriċi tar-Rabat, Għawdex.[13]

**Santu Pietru Appostlu:**

*Kienet fil-lokal tal-Virtut.*

De Soldanis isejħilha San Pietru ad Vincula li tinsab fil-ħâra tal-Għarb u ġiet ipprofanata 1657. Il-beni ta' din marru ukoll għall-għaxar kanonikat. Il-festa kienet issir fl-1 t'Awwissu.[14]

**Sant' Indrija:**

*Kienet ukoll fil-lokal tal-Virtut, in-naħ*a ta' fejn il-Knisja ta' San Lawrenz.

De Soldanis isemmi kappella waħda f'Għawdex iddedikata lil Sant Indrija iżda l-lokal tagħha ma jafx fejn kien. Jikteb li kienet imwaqqfa mill-familja antika Għawdxija Chivarij[15] u li fis-sena 1592 kienet qisha għar tal-ħallelin...*erat tamquam spelunca latronum.*[16]

**San Lawrenz:**

*Kienet fil-lokal tat-Torri ta' Valdara.*
*Kellha l-benefiċċji.*

Probabbli li hija l-istess waħda li kien hemm ta' Ciangura jew il-Għodlien li tissemma iktar 'l isfel.[17]

**Santissimu Salvatur:**

*Eżistiet fil-lokal tal-Qawra fid-Dwejra.*

De Soldanis isemmi din il-kappella u jikteb li kienet sewwa sew fuq blat il-baħar fil- Ħâra tad-Dwejra. Kellha titlu ta' benefiċċju u fil-festa tas-Salvatur kien jiġi mqassam xi ħobż lill-fqar. Ġiet ipprofanata fis-1657.[18]

**L-Assunta:**

*Kienet qiegħda fil-lokal ta' San Lawrenz, imsemmi ta' Sanċier, li skont it-tradizzjoni kienet kolleġġjata.*

De Soldanis isemmi li kien hemm kappella ddedikata lill-Assunta fl-Għarb mingħajr ma jgħid fejn kienet.[19,20]

**Santa Marija ad Nives.**

*Kienet tinsab fuq nett tal-Għolja ta' Dbieġi li hija l-iktar ponta għolja tal-gżira u li kienet inbniet minn wieħed li kien wiegħed lil Marija Santissima li jekk teħilsu mill-għarqa jibnilha knisja fuq l-ewwel art li jara. Fil-ġenb tal-manuskritt u fuq l-istess paġna Pelaġju jżid li Ismeralda, il-mara ta' Antonju Vagnallo tal-Gżira t'Għawdex, fit- 23 t'Awwissu 1432 ħalliet legat quddiem in-nutar ta' biċċa art bid-dwieli mdawra b'ħajt biex is-saċerdot, rettur tal-kappella jqaddes u jixgħelilha lampa nhar il-festa.* Ta' min jinnota hawnhekk li de Soldanis kiteb Esmeralda Bordino u ma semmiex l-għalqa bid-dwieli.

Pelaġju ġab l-informazzjoni mil-Viżta ta' Dużina tal-1575 għaliex kiteb 'Esmeralda l-mara ta' Antonio Vagnallo'.

Fuq din il-kappella De Soldanis iżid li kellha benefiċċju tar-razza mħolli fl-1432 mill-imsemmija Esmeralda Bordino u għabbiet lil min jieħu ħsiebha bil-piż li f'din il-knisja jitkanta l-għasar lejlet il-festa u ssir quddiesa nhar il-festa u li jixgħelilha.[21] Dan nafuh mill-kitba ta' Dun Anton Manduca, il-qassis li ħa dan il-benefiċċju fl-10 ta' Ġunju 1552. L-Għawdxi Mikiel Cadumi ħalla quddiesa fil-ġimgħa f'din il-knisja li kellha ssir minn Dun Nikol Guarrerio bil-jedd li jagħżel il-qassis li jieħu l-benefiċċju wara l-mewt tiegħu.[22] De Soldanis jissokta jtarraf l-istorja tal-kaptan Franċiż li bena l-kappella wara li ħeles mill-għarqa u li n-nies

kienu jżommu din il-post ta' qima b'għożża kbira[23]. Fl-1596 il-Papa Klement VIII kien ta' Indulġenza Plenarja lil min jinviżta din il-knisja mill-ewwel għasar sat-tieni għasar tal-festi tal-Lunzjata u tal-Axxenzjoni.[24] F'din il-knisja kien hemm midfunin Dun Anġ Modlun u Dun Anġ Grima li kellhom devozzjoni kbira lejn din il-kappella. Ġiet ipprofanata fl-1657.[25] Fi żmien De Soldanis u Pelaġju l-knisja kienet imġarrfa iżda fdalijiet minnha kienu għadhom jidhru.[26]

Din id-dedikazzjoni bħala 'Santa Marija tas-Silġ' isemmiha biss Pelaġju għaliex De Soldanis jikteb li kienet iddedikata lil Santa Marija. Hawnhekk ta' min isemmi li Pelaġju u de Soldanis għexu fl-istess żmien. Dużina ma jsemmix din il-kappella fil-viżta tiegħu.

**Santa Maria ta' Dbieġi:**

*Kienet tinsab fil-lokal tad-Dbieġi msejjaħ tal-Qaddisa.*

**San Nikola ta' Bari**

*Kienet teżisti fil-lokal ta' Wied il-Kbir, fid-Dwejra.*

Dużina jsemmi din il-kappella u jikteb li kienet tgawdi minn benefiċċju mħolli minn Dun Cesare Caravaschino. Fil-viżta tiegħu sabha mwaqqa' u ordna lil Dun Leonardu Agius, ir-rettur tal-knisja li kienet tipposjedi *lenza unam terreni* sabiex jibni l-knisja mill-ġdid u wara li jkun lestieha jqassam żewġt itmien qamħ f'ħobż lill-fqar u jiċċelebra quddiesa fil-festa tal-qaddis patrun tagħha.[27]

De Soldanis jgħid li Dun Lawrenz de Agatiis[28] ħalla lil din il-kappella ħabel raba' biex mir-renta li jirrendi jitħallsu l-bżonnijiet tagħha u jingħataw tomnejn ħobż tal-qamħ. Ġiet ipprofanata fl-1657.

**San Nikola ta' Bari**

*Kappella oħra ddedikata lil dan il-qaddis kienet inbniet fil-lokal ta' Dbieġi fix-xaqliba t'Għar Ilma. Din kellha benefiċċju sempliċi.*

Kienet f'San Niklaw. Ir-rettur tagħha kien Dun Leonardu Agius u kienet tipposjedi sitt itmien raba bl-obbligazzjoni li ssir quddiesa f'jum il-festa ta' San Nikola (6 ta' Diċembru) u jitqassam il-ħobż magħmul minn żewġt itmien qamħ lill-fqar fl-istess ġurnata. Dun Leonardu kellu jara li dan iseħħ u jieħu ħsieb it-tiswija tal-knisja. Dużina sab li l-knisja ma kellhiex bieb tal-injam u ornamenti oħra. Għalhekk ordna li jsirilha bieb tal-injam f'inqas minn xahar bil-piena t'għaxar skudi jekk dan ma jseħħx.[29]

De Soldanis isemmi ukoll din il-kappella fejn jikteb li kienet frott ta' benefiċċju mħolli minn Nuzzju de Episcopo li ħallielha xi raba' bil-piż li fil-festa tagħha jitqassmu erbat itmien ħobż tal-qamħ u żewġ kwarti nbid.[30]

**San Ġiljan**

*Kienet tinsab fil-lokal imsejjaħ 'Molino' (Il-Mitħna) fl-Għarb.*

De Soldanis jgħarrafna li meta ġiet ipprofonata l-beni tagħha ikkontribwew ma' beni oħra biex jitwaqqaf l-għaxar kanonikat tal-Kolleġġjata Matriċi tar-Rabat, Għawdex.[31]

**Santa Marija Madalena:**

*Inbniet fil-kontrada tad-Dwejra msejħa wkoll 'tal-Bniet' għaliex darba waħda erba' xbejbiet waqt li kienu qed jaħslu l-ħwejjeg fin-nixxiegħa tal-ilma, f'daqqa waħda, ġew maħsuda mit-Torok li serquhom u ħaduhom ilsiera.*

Il-beni ta' din il-kappella għaddew għall-għaxar kanonikat tal-kolleġġjata tar-Rabat, Għawdex.[32]

**San Leonardu**

*Kappella li kienet teżisti fil-lokal t'Għammar u li kienet imwaqqfa minn Mattew Ciascardo, kif kien semma' Dużina fil-Viżta Pastorali tal-1575.*

Ħallew legati L*eonardu Theuma*

*u iktar tard Enrico Consi......fl-1624.*

Dużina kiteb li twaqqfet minn Mattew Ciarando, li ħalla tlett itmien raba legat biex tiġi ċċelebrata quddiesa nhar il-festa tal-qaddis u biex tiġi restawrata l-knisja. Il-kappella ma kellhiex rettur iżda iben l-imsemmi Mattew u l-eredi tiegħu kien qiegħed jieħu ħsieb ir-raba' u l-obbligi marbuta magħha. Kellha bieb tal-injam li kien jagħlaq il-kappella u kienet mgħammra b'artal iżda mingħajr ornamenti oħra. Kienet isservi ta' knisja parrokkjali għan-nies tal-inħawi.[33] Kienet tinsab fejn hemm il-kappella ta' San Pupulju illum u De Soldanis jinformana li meta ġiet ipprofonata l-beni tagħha ikkontribwew ma' beni oħra biex jitwaqqaf l-għaxar kanonikat tal-Kolleġġjata Matriċi tar-Rabat, Għawdex.

De Soldanis iżid li kellha zuntier (li fi żmien De Soldanis kien diġa waqa') u kienet tinsab fir-raba' ta' Brejned Agius. Kienet inbniet minn Mattew Cajarando li ħallielha tlett itmien raba' li bil-piż tagħhom kellha titqaddes quddiesa fil-jum tal-festa għalkemm xi ħadd kien qal li bnieha Ġorġi Tewma u li kien Dun Bernard Tewma li taha l-kwadru. Għawdxin oħra ukoll ħallewlha xi biċċiet raba'. Il-festa kienet issir fis-6 ta' Novembru. Ġiet ipprofanata fl-1657.[34]

**Sant' Indrija Appostlu**

*Din il-kappella kienet tmiss fuq ix-xaqliba tal-punent mal-Ġebel tal-Baruni ta' Cicciano.*

**Sant' Anastasja**

*Kienet tinsab fit-triq li twassal għall-Għarb.*

Meta żarha Dużina sab li ma kellhiex bieb (insteraq

mit-Torok) u lanqas rettur. Il-knisja kienet kompluta u Pawlu d'Avola kien jieħu ħsieb żewġt itmien raba li kellha biex issir quddiesa fil-ġurnata tal-festa tal-qaddisa u biex tissewwa l-knisja meta jkun hemm bżonn. Dużina ordna li jsirilha bieb tal-injam fi żmien xahar taħt piena ta' għaxar skudi lill-knisja parrokkjali.[35]

Skont De Soldanis kienet tinsab fil-Qabbieża fil-bidu tat-telgħa ta' Dbieġi. Meta ġiet ipprofonata (1657) l-beni tagħha ikkontribwew ma' beni oħra biex jitwaqqaf l-għaxar kanonikat tal-Kolleġġjata Matriċi tar-Rabat, Għawdex.[36]

**Santa Maria ad Nives**

*Kappella li kienet qiegħda fil-lokal ta' Wied il-Mielaħ.*

De Soldanis isejħilha ta' Santa Marija Mtella' s-Sema iżda ssirilha l-festa fil-5 t'Awwissu (il-Festa tal-Madonna tas-Silġ) għax hekk ordnaw l-Isqfijiet Viżitaturi. Wara ġiet imsemmija tas-Salvatur. Din il-kappella ma tissemmiex f'Dużina iżda De Soldanis jikteb li kienet imsejħa t'Apap u bħal Sant' Anastasja u oħrajn meta ġiet ipprofonata l-beni tagħha marru biex jitwaqqaf l-għaxar kanonikat tal-Kolleġġjata u matriċi tar-Rabat. Indri Apap li bnieha ħalla l-piż fuq bċejjeċ ta'raba' biex jitqassmu tomnejn qamħ magħġunin ħobż fil-festa tagħha (Nutar Tumas Gauci). Ġiet ipprofonata fl-1644.[37]

**San Kallistu Papa**

*Kienet viċin ħafna Santu Pietru*

**Sant' Anna**

*Kienet tinsab fil-lokal ta' Kanġla* (Wied il-Mielaħ)

Skont Dużina l-kappella ta' Sant' Anna ġiet imwaqqfa minn Pietru Frontina li ħalla biċċa art ta' tlett itmien bil-patt li ssir quddiesa nhar il-festa ta' Sant' Anna u biex jissewwew xi ħsarat li ġġarrab il-knisja. Fi żmien Dużina l-knisja ma kellhiex rettur u kien jieħu ħsieb ir-raba' tagħha u l-obbligi li kellha ċertu Indri Apap. Il-kappella ma kellhiex bieb tal-injam u lanqas ornamenti oħra. Il-Viżitatur Appostoliku ordna lil Apap biex iwaħħal bieb tal-injam fil-knisja fi żmien xahar b'piena ta' għaxar skudi li kellhom jitħallsu lill-knisja parrokkjali tar-Rabat, Għawdex.[38] De Soldanis ukoll isemmi din il-kappella.[39]

**IL-Knisja ta' San Lawrenz**

*Il-knisja ta' San Lawrenz Levita u Martri fil-lokal ta' Ciangura, li tat isimha lill-kontrada ta' San Lawrenz. Fuq din il-knisja jitkellem il-Viżitatur Appostoliku Dużina meta żar Għawdex fuq iż-żjara pastorali tiegħu billi jgħid "il-knisja ta' San Lawrenz fil-lokal tal-Għarb*



***Figura 2. Il-knisja ta' San Lawrenz, Ta' Pinu u n-Niċċa tal-Fgura f'Pelagio Mifsud ACM Misc MS 55 129v.***

*imwaqqfa minn Franġisku Palmieri." Inbniet l-aħħar darba fl-1665 bħal ma jidher minqux f'ġebla li tinsab fl-anglu tan-naħa tal-lemin tal-bieb prinċipali fuq barra bħal ma tidher fil-figura 3; Kienet mibnija fuq il-blat. Għall-bini tal-knisja kien hemm bżonn l-ilma, u l-iskarsezza tiegħu kienet iżżid l-iskomdu u l-ispejjeż. Għamlu ħofra fl-art biex mit-trab jagħmlu s-siment u f'daqqa waħda u mirakolożament sabu l-ilma ġieri u dan baqa' ġej daqs kemm kien hemm bżonn sa meta l-bini tal-knisja kien lest. Hekk kif ix-xogħol fuq il-knisja spiċċa, in-nixxiegħa nixfet għalkollox u ħadd qatt ma rnexxielu jerġa' jsibha għaliex il-post min-natura tiegħu kien niexef ħafna. Il-kwadru, għoli 10 pulzieri u wiesgħa 8 pulzieri mpitter biż-żejt u jirrappreżenta l-qaddis (San Lawrenz) bilwieqfa u liebes ħwejjeġ sagri. Il-bieb il-kbir iħares lejn ix-Xlokk u bieb ieħor iżgħar iħares lejn il-punent. Il-kappella għandha art ta' ħamest itmien imsejħa "Il-Ħabel" fl-Għarb.* Għandha *wkoll żewġ biċċiet art oħra msejħa ta' Roccia'.*

*Pelaġju jikkwota l-viżti pastorali tal-Isqof Balaguer tas-17 ta' Ġunju 1665 u ta' Luca Bueno tal-14 ta'*

*Ġunju 1667. Jikteb ukoll li kienet ipprofonata minn Balaguer fl-24 ta' Marzu 1659 u li mbagħad wara ġiet irrestawrata għall-kundizzjoni aħjar mil-poplu.*

*F'din is-sena (1767), fil-wesgħa li hemm quddiem din il-knisja u ftit 'il bogħod minnha, il-poplu devot ta' dan il-lokal bena forma ta' tribuna tal-ġebel u ġewwa fiha tqiegħdet statwa tad-Duluri Mqaddsa kkulurita ta' erba' pulzieri u maħduma mill-ġebel. Meta tqiegħdet għall-ewwel darba kien hemm festi kbar bit-talb, paninġierku u kant u lluminazzjonijiet bi fjakkli, murtali u nar tal-kulur kollox imħallas min-nies tal-post. Id-disinn, id-direzzjoni u l-bini kienu tas-Sur Ġużeppi Aquilina, Malti minn Ħaż-Żebbuġ li dak iż-żmien kien direttur 'dalla fabbrica del Pelagio' tas-Sinjur Eduardo Mallia tar-Rabat,* Għawdex fil-kontrada tal-Porta Reale.

Fuq din il-knisja Dużina jikteb li Franġisk Palmieri wara li waqqafha ħallielha benefiċċju ta' erbat itmien raba bil-piż li ssir quddiesa nhar il-festa ta' San Lawrenz martri u li jsiru t-tiswijiet neċessarji fil-knisja. Il-knisja ma kellhiex rettur iżda dan l-inkarigu kien qiegħed jagħmlu l-Kjeriku Ġwanni Theobaldu li kien jieħu ħsieb ir-raba' tal-knisja li ssemma fuq. Il-knisja kellha bieb, altar u saqaf.[40] De Soldanis ukoll isemmi din il-knisja.[41]

De Soldanis jikteb li l-knisja ta' San Lawrenz martri hija qadima sew u nbniet iktar minn darba min-nies tal-Għarb biz-zuntier magħha. Ġiet ipprofanata fl-1657. Fuqha hemm piż ta' quddiesa kull nhar ta' festa u quddiesa kantata bl-ewwel għasar nhar il-festa tal-qaddis.[42]

### Santa Marija tal-Ħmistax t'Awwissu

*Tinsab ft'Għammar u msejħa 'Ta' Pinu". Dan l-isem hu meħud mill-isem tal-Fundatur Filippu Gauci li kien joqgħod fil-kontrada tal-Munxar fir-raħal ta' Sannat li billi kien nobbli u sinjur fuq l-art tiegħu inbniet din il-kappella. Hu kellu wkoll ħafna beni* oħra li *llum intirtu mis-Sinjur Moscati li żżewweġ xebba mdaħħla fiż-żmien li ma kinitx tiġi minnu u li kien jisimha s-Sinjura Carla msejħa 'tal-Benniena'. Dawn it-tnejn jinsabu mpittra fl-isfond ta' dan il-kwadru antik u fuq in-na*ħa tax-xellug tal-kwadru *hemm dan is-sinjal:*

Dużina kien żar din il-kappella u fl-1575 u kienet imsejħa ta' Ġentili għaliex giet mibnija mill-familja bl-istess isem u li ħalliet legat ta' tomna raba' biex tkun iċċelebrata quddiesa nhar Santa Marija u biex jissewwew xi ħsarat li l-knisja tkun ġarrbet. Mattew De Manuele li kien jaħdem l-art qal li l-piż ma kienx sodisfaċenti u l-knisja kienet waqgħet. Dużina pprofana din il-knisja u għadda l-beni tagħha lill-knisja parrokkjali tar-Rabat, Għawdex li bihom tħallset pittura tal-Assunta għal fuq artal ta' din il-knisja.[43]

Fi żmien De Soldanis kienet f'idejn il-Markiż Depiro,



***Figura 3. Disinn magħmul minn Pelaġju biex juri x'kien hemm skolpit mal-faċċata tal-knisja ta' San Lawrenz.***

li kellu l-piż li jagħmel quddiesa kantata nhar il-festa tagħha, imħollija mis-Sur Ġann Gurgion. Jgħidulha ta' Pinu għax ċertu Pinu Gauci dam jieħu ħsiebha għal ħafna żmien iżda kienet mibnija mill-familja Gentili. Ġiet ipprofanata darbtejn; fl-1575 u 1665. Wara l-ewwel profanazzjoni l-poplu ħa ħsieb jerġa' jsewwiha u ċertu Dumink Muscat, dment ħajtu, kien iħallas minn butu biex issir quddiesa ġo fiha nhar il-festa tagħha. Wara l-profanazzjoni tal-1665, ġiet irranġata fl-1667 bit-tħabrik tal-imsemmi fuq Gurgion.[44]

### In-Niċċa tal-Fgura

*In-Niċċa msejħa tal-Fgura li tinsab fuq il-lemin fid-daħla tar-raħal (tal-Għarb) fuq it-tieqa tal-Mitħna tar-Riħ kienet imwaqqfa wara l-pesta tal-1592 ad unur tal-Verġni Mqaddsa u minħabba ħsejjes u għajjat minn xi ħadd inviżibbli li kienu jinstemgħu fl-inħawi min-nies tal-post u minn min kien jgħaddi minn hemm. Wara li nbniet in-niċċa dawn il-ħsejjes u għajjat ma nstemgħux iktar. In-nies tal-post b'devozzjoni kienu jixgħelu l-lampa ta' quddiem ix-xbieha tal-Madonna.*

Din in-niċċa tinsab f'mappa li ntbagħtet lill-Isqof Mikiel Ġlormu Molina fl-1679 sabiex l-Għarb jitwaqqaf parroċċa[45]. Fl-antik kien hemm pittura iżda maż-żmien din tkagħbret ħafna u ordnaw ieħor bix-xbieha tal-Kunċizzjoni.[46] Fl-1809, Tumas Cassar, li kien jieħu ħsieb jixgħelilha kuljum sar prokuratur tagħha bl-għajnuna tal-Arċipriet Publiju Refalo li xehed għalih quddiem l-Isqof Mattei.[47] Dak iż-żmien l-immaġini tal-Kunċizzjoni kienet imnaqqxa fuq il-ġebel.[48] Dun Ġużepp Galea li kien joqgħod viċin in-niċċa tħabat kemm felaħ biex ġabar il-flus għal statwa ġdida tal-Kunċizzjoni li nħadmet minn Wistin Camilleri. Mikiel Portelli li kien hu l-Arċipriet tal-Għarb ta' dak iż-żmien ħallas għan-niċċa li l-pjanta tagħha kien għamilha ħuh Dun Piju Portelli (Figura 4).[49] Iktar tard l-istess Mikiel Portelli bena taraġ man-niċċa biex ikun iktar



*Figura 4. In-Niċċa tal-Fgura kif kienet sal-1976 qabel ma nħattet u nbniet f'post fil-qrib (ritratt ta' Francis Cremona)*[53]

faċli li wieħed jieħu ħsiebha.[50] L-Isqof Ġwanni Marija Camilleri meta berikha b'digriet tal-20 t'Ottubru 1904 kien ta indulġenza plenarja ta' ħamsin jum lil min quddiemha jgħid Salve Regina b'qalb niedma. Kien hemm devozzjoni kbira lejn din x-xbieha ta' Marija u fl-1954 l-Arċipriet Ġużeppi Borg niżżilha fil-knisja parrokkjali fl-okkażjoni tas-sena Marjana. Fid-9 ta' Frar 1976 din in-niċċa li kienet fil-pjazzetta tal-Fgura fuq il-lemin tat-triq kif tħares lejn iċ-ċentru tar-raħal tal-Għarb twaqqgħet biex titwessa' t-triq.[51] Reġgħet inbniet minn Toni Formosa, ħaddiem tal-Gvern[52] madwar tletin metru 'l bogħod u eqreb lejn ir-Rabat fuq in-naħa l-oħra tat-triq fejn għadha hemm sal-lum.

**Referenzi:**


1. Pelagio Mifsud ACM Misc MS 55 117r to131v.
2. Agius De Soldanis GPF. *Ils Gozo Antico e Moderno Sacro e Profano* (tradott għall-Malti minn Giuseppe Farrugia Gioioso) Għawdex u l-Ġrajja tiegħu. Stamperija tal-Gvern Ktieb 1. Malta 1936.
3. Agius De Soldanis GPF. *Il Gozo Antico e Moderno Sacro e Profano* (tradott għall-Malti minn Giuseppe Farrugia Gioioso) Għawdex u l-Ġrajja tiegħu. Stamperija tal-Gvern Ktieb 2. Malta 1953.
4. Aquilina George, Fiorini Stanley. (2001) *Documentary Sources of Maltese History (Part IV:Documents at the Vatican)* No.1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no 51 Mgr Petrus Dusina paġ. xix.
5. Ferris Achille. (1868) *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* (Malta) paġ. 582.
6. Agius De Soldanis GPF. *Il Gozo Antico e Moderno Sacro e Profano* (tradott għall-Malti minn Giuseppe Farrugia Gioioso) Għawdex u l-Ġrajja tiegħu. Stamperija tal-Gvern Ktieb 2. Malta 1958 (riprodott mil-Fundazzjoni Belt Vittorja) paġ. 69.
7. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 26.
8. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 27.
9. Cattabiani Alfredo *Calendario*, Milano, Rusconi libri, 1994 paġ. 280.
10. Dusina P. Visitatio Appostolica 1575 f.185.
11. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 69.
12. Wettinger G. Place-names of the Maltese Islands. PEG publishers, Malta, 2000, paġni 492-3.
13. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 26.
14. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 27.
15. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 68.
16. Viżti Pastorali fl-1575 u 1592.
17. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 70.
18. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 77.
19. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 71.
20. Viżta Pastorali fl-1654.
21. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 71.
22. Atti tan-Nutar Indri de Beniamin 19 ta' Mejju 1446.
23. Viżta Pastorali fl-1644.
24. Bl-Axxenzjoni nifhmu t-Tlugħ is-Sema ta' Ġesu u bl-Assunzjoni nifhmu t-Tlugħ is-Sema ta' Marija.
25. Reġistri tal-Qorti tal-Provigarju t'Għawdex (nota f' Agius De Soldanis GPF. Paġ. 72.
26. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 72.
27. Aquilina George, Fiorini Stanley. (2001) *Documentary Sources of Maltese History (Part IV:Documents at the Vatican)* No.1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no 51 Mgr Petrus Dusina paġ. 189
28. De Soldanis fis-sezzjoni tiegħu fuq l-Għawdxin li għamlu isem (Agius De Soldanis GPF, ibid paġna 147) isemmi lill-Lejonardu de Agatiis li allura jikkorrispondi għal dak li kiteb Dużżina. Possibilment De Soldanis ried jikteb Lejonardu u mhux Lawrenzju għalkemm jista' jagħti l-każ li setgħu kienu żewġ persuni differenti.
29. Dusina P. Visitatio Appostolica 1575 f.184v
30. Atti tan-nutar Indri de Beniamin 12 t'Ottubru 1435 nin-noti ta' De Soldanis (Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 76.
31. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 25.
32. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 27.
33. Aquilina George, Fiorini Stanley. ibid paġ. 190
34. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 26.
35. Aquilina George, Fiorini Stanley. ibid paġ. 189.
36. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 24.
37. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 26.
38. Aquilina George, Fiorini Stanley. ibid paġ. 190.
39. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 68.
40. Aquilina George, Fiorini Stanley. ibid paġ .190.
41. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 70.
42. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 59.
43. Aquilina George, Fiorini Stanley. ibid paġ. 192.
44. Agius De Soldanis GPF. ibid paġ. 59.
45. Formosa Patrick. *History of Għarb.* BA Thesis University of Malta, 1973 paġ. 143.
46. Camilleri Salvatore. Niċeċ fir Raħal tal-Għarb. F' *Niċeċ f'Għawdex* ta' Kittieba diversi. Reliġjon u Ħajja – Storja numru 13,1987 paġ. 28.
47. ibid.
48. ibid
49. ibid paġ. 29.
50. Formosa Patrick. ibid, paġ. 143
51. Camilleri Salvatore. ibid paġ. 28.
52. Bajada Michael, Għarb. Kommunikazzjoni Personali.
53. Cauchi Nicholas. *Karmni Grima.* Orphan's Press, Gozo, 1964 paġ. 35.